

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008**  
— **Kheinhorst vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-428/03) <sup>(1)</sup>

(*Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni*)

(2008/C 301/55)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Gerhard Keinhorst (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: l-ewwel C. Berardis-Kayser u L. Lozano Palacios, wara C. Berardis-Kayser u H. Krämer, aġenti)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tat-23 ta' Diċembru 2002 u l-14 ta' April 2003 li bidlu l-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, safejn dawn jiffissaw il-klassifikazzjoni tiegħu fil-grad, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad A6, l-ewwel skala, safejn jiffissaw il-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha d-deċiżjonijiet jibdew jipproduċu l-effetti pekunjarji tagħhom u safejn ma jergħux jistabbilixxu l-karriera fil-grad tar-rikorrent, u talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tal-4 ta' Settembru u tal-24 ta' Novembru li ħadhu l-ilmenti tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu li allegatament jirriżulta minn din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fuq dan ir-rikors.*
- 2) *Il-Kummissjoni tbatl l-ispejjeż kollha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 47, 21.2.2004.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008**  
— **Patrick Rousseaux vs Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej**

(Kawża T-125/04) <sup>(1)</sup>

(*"Servizz pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni"*)

(2008/C 301/56)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Patrick Rousseaux (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' April 2003, li bidlet il-klassifikazzjoni fil-grad tar-rikorrent, safejn din tiffissa l-klassifikazzjoni tiegħu fl-iskala, fid-data tal-ħatra tiegħu, għall-grad A6, it-tieni skala, safejn tiffissa l-5 ta' Ottubru 1995 bħala d-data li fiha hija tibda ttiproduċi l-effetti pekunjarji tagħha u safejn ma terġax tistabbilixxi l-karriera fil-grad tar-rikorrent kif ukoll talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment tar-rikorrent u, min-naħa l-oħra, talba għall-kumpens għad-dannu allegat derivanti minn din id-deċiżjoni.

**Dispożittiv**

- 1) *M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward ta' dan ir-rikors.*
- 2) *Il-Kummissjoni għandha tbatl l-ispejjeż kollha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 118, 30.4.2004.

**Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Settembru 2008**  
— **Goris vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-126/04) <sup>(1)</sup>

(*"Servizz Pubbliku — Uffiċjali — Sentenza interlokutorja — M'hemmx lok li tingħata deċiżjoni"*)

(2008/C 301/57)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Willem Goris (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: N. Lhoëst, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Currall u H. Krämer, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)